MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 24/2004

**HSBC Bank Malta plc**
**vs**
**Michelle Giordmaina**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Jannar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u hamsin lira Maltija u tlett centezmi (Lm650.03) dovut bhala bilanc ta' somma akbar mill-loan account numru 040-079543-300 kwantu ghal sitt mija u wiehed u erbghin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm641.18) bhala kapital u kwantu ghal tmien liri u hamsa u tmenin centezmu (Lm8.85) bhala imghaxijiet sat-3 ta' Ottubru, 2003 u dana skond kif jirrizulta ahjar mid-Dok.A anness mal-avviz ;**
**Peress illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas kemm il-darba izda baqghet inadempjenti ;**
**Is-socjeta` attrici qieghda titlob il-hlas ta' l-ammont imsemmi ta' sitt mija u hamsin lira Maltija u tlett**

**centezmi (Lm650.03) billi huwa dovut u skadut u dana oltre l-imghaxijiet ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) kalkolabbli mit-3 ta' Ottubru, 2003 sad-data tal-pagament effettiv ;**
**Bl-ispejjez tal-avviz kif ukoll tal-ittra ufficjali tal-25 ta' April, 2003 u tar-rikors tal-25 ta' Lulju, 2003 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-socjeta` attrici fl-4 ta' Gunju, 2004, li biha t-talba giet ridotta bl-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40.00) peress li saru pagamenti fil-mori tal-kawza.**

**Ra l-kapitolu prezentat fl-4 ta' Gunju, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenuta.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u ghaxar liri Maltin u tlett centezmi (Lm610.03) bl-imghax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) kalkolabbli mit-3 ta' Ottubru, 2003 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez tal-avviz kif ukoll tal-ittra ufficjali tal-25 ta' April, 2003 u tar-rikors tal-25 ta' Lulju, 2003 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------